## Profili fuq Qaddisin Dumnikani

# SAN PIJU V (1504 - 1572)
# Il-Papa li waqqaf il-Festa Liturġika tar-Reġina tar-Rużarju



Dawk li ma tantx għandhom informazzjoni fuq dan il-Papa ċertament jafuh żgur bħala ***l-Papa tar-Rużarju,*** b' mod speċjali li kellu konnessjoni mal-Battalja ta' Lepanto li kienet miġġielda bejn il-qawwiet Insara u dawk Ottomani. Dan il-Papa Dumnikan kien l-ewwel wieħed li ħareġ l-ewwel enċiklika fuq ir-Rużarju ***Consueverunt Romani Pontifices.*** Kien dan il-Papa li għen materjalment biex tinbena l-belt Valletta, wara li l-Maltin flimkien mal-Kavallieri ħarġu rebbieħa fl-Assedju l-Kbir tal-1565.

**Tfulitu**

Mikiel Ghislieri twieled fl-**1504** fil-villaġġ ta' Bosco, ħdejn Alessandria l-Italja ta' fuq. Il-ġenituri tiegħu kienu gabillotti fqar ħafna u ma kellhomx mezzi biex jedukaw lil dan it-tifel intelliġenti, li kien mogħni b' talenti kbar. Kien jirgħa l-merħla ta' missieru meta ġurnata waħda żewġ patrijiet Dumnikani ltaqgħu miegħu u qagħdu jkellmuh. Meta raw li dan it-tifel intelliġenti kien mibni fuq valuri b'saħħithom u tabilħaqq kristjani, dawn id-dumnikani talbu l-permess mingħand il-ġenituri tiegħu biex jedukawh f'kulleġġi mill-aqwa. Ta' tnax -il sena telaq mid-dar tal-familja tiegħu u ma rritornax lura qabel ma qaddes l-ewwel quddiesa, li kien ħafna snin wara.



Il-Papa Piju V
Għamel is-7 ta' Ottubru bħala l-ġurnata ddedikata lir-Reġina tar-rużarju

**L-ewwel quddiesa**

Wara l-istudji preliminari, irċieva l-abitu Dumnikan u bħala novizz mar il-Lombardija. Hawn iltaqa' mal-qawwa ta' l-ereżija li aktar 'il quddiem kellu jikkumbatti bil-qawwa kollha, u b' suċċess kbir. Fl-1528 mar id-dar biex jiċċelebra l-ewwel quddiesa tiegħu iżda sab li l-belt ta' Bosco kienet assedjata mill-armata Franċiża. Hu ma kienx jaf jekk il-ġenituri tiegħu għadhomx ħajjin jew le. Fl-aħħar sabhom ġo belt viċin ir-raħal tiegħu. Hu ċċelebra l-ewwel quddiesa u mbagħad reġa tbiegħed mid-dar biex ikompli l-karriera ta' ħajtu.

**Maħtur Inkwiżitur**

L-ewwel meta kien bħala surmast ta' l-istudenti u wara bħala pirjol ta' diversi kunventi, Mikiel

kitba ta' Loreto Gatt

wera ruħu bħala bniedem għaqli u amministratur tajjeb. Ġie maħtur bħala inkwiżitur ta' Como, fejn ħafna reliġjużi kienu mietu martri taħt idejn l-eretiċi. Hawnhekk l-arma prinċipali ta' l-eretiċi kienet il-kitba. Kienu jġibu kotba mill-Isvizzera u jdaħħluhom fin-naħa ta' fuq ta' l-Italja waqt li jikkawżaw ħafna ħsara morali. Dan l-inkwiżitur il-ġdid iddedika ruħu biex jiġġieled kontra dan il-kummerċ. L-eretiċi ippruvaw jonsbuh diversi drabi u ħolqu għadd ta' komplotti biex joqtluh, imma dawn komplew saħħulu l-fehma li kellu billi tkellem fuq din is-sitwazzjoni mal-Papa.

**Fil-belt eterna**

Wasal Ruma nhar lejliet il-Milied, għajjien, imterter bil-bard, u b' ġuħ kbir fuqu, u hawnhekk kellu jsofri wkoll din id-darba mhux mill-eretiċi imma minn sħabu l-patrijiet stess. Il-pirjol ta' Santa Sabina, jiġifieri il-kunvent Dumnikan ta' Ruma, iddubita minnu u ma tantx għoġbitu din id-dehra fqajra tal-patri li ħaseb li kien mill-Lombardija. Imma l-Papa kien jaf min hu, u għalhekk tah il-jedd li jaħdem qalb dawn l-eretiċi fil-ħabsijiet ta' Ruma.

Kien il-veru missier għal dawn l-isfortunati, u ġab ħafna minnhom lura fil-fidi. Wieħed minn dawk li kkonverta kien Franġiskan, li kien Lhudi konvertit ġej minn familja nobbli, imma li kien waqa' fl-ereżija minħabba s-suppervja fil-kitba tiegħu. Mikiel iddrittalu l-ħsibijiet mgħawġa li kellu. Wara dan il-patri Franġiskan ried jerċievi l-abitu Dumnikan, u Mikiel awertah mill-għajnuna, u bih l-ordni Dumnikan akkwista skular u kittieb brillanti ta' l-Iskrittura.

**Suċċessur ta' San Pietru**

Mikiel ġie ikkonsagrat isqof, imbagħad Kardinal, filwaqt li hu kompla, sakemm seta', jħares u josserva r-regola ta' l-Ordni Dumnikan.

Fl-1556 meta t-Tron ta' San Pietru kien vakanti, il-Kardinali l-aktar permezz ta' l-influss ta' San Karlu Borromeo, għażlu lil Kardinal Ghislieri bħala Papa. B'sens kbir ta' umilta', aċċetta dan l-uffiċċju u għażel l-isem ta' Piju V. Huwa beda l-ħidma tiegħu billi qassam lill-fqar ta' Ruma l-flus li suppost kellhom jintefqu għall-riċevimenti. Meta xi ħadd kien ikkritikah fuq dan huwa wieġeb li Alla jiġġudika aktar skond il-karita' li nagħmlu mal-fqar milli mill-imġieba tajba mas-sinjuri. Din l-attitudni kellha toħloq mibegħda fost il-kbarat, imma kien meqjus b' għożża liema bħala mill-fqar. Fih kien jinstab il-bniedem ta' integrita li jaf jaħseb tajjeb u li kellu jġib riforma kbira fil-kleru u oppożizzjoni kontra l-ereżija Luterana (Protestanta).

**Ereżiji u battalji**

Fi żmien il-pontifikat qasir ta' Piju V kien hemm problemi kbar għall-Knisja Universali. Internament, il-paċi fil-knisja kienet mhedda mill-ereżiji ta' Luteru, Kalvinu u l-Lombardi u bil-ħtieġa tar-riforma fost il-kleru. F' dak iż-żmien ukoll l-Ingilterra kienet f'xifer il-firda minn mal-Vatikan. Il-pajjiżi Baxxi (Fjandra,

Belġju, Olanda) kienu qegħdin jiksruha ma' Spanja u ħaddnu l-Protestantiżmu. Il-missjoni kellha bżonn ta' l-attenzjoni. U fil-pajjiżi kollha tal-Mediterran, it-Torok kienu qed iħarbtu l-bliet insara, u bil-mod kienu qed jirbħu d-dinja ta' dak iż-żmien. Fis-sitt sena tat-tmexxija tiegħu, Piju V kellu jħabbat wiċċu ma' dawn il-problemi kollha - kull waħda minnhom kienet kbira biżżejjed biex tokkupah il-ħin kollu.

**Sehem il-Ġiżwiti**

Kien dan il-Papa wkoll li ħeġġeġ lis-soċjeta' l-ġdida mwaqqfa minn Sant Injazju u stabblixxa l-Ġiżwiti fl-Universita' Gregorjana. Hu kkonsagra tliet Ġiżwiti għall-missjoni fl-Indja, ta l-aqwa kooperazzjoni lil San Franġisk Borgia u għen finanzjarjament lill-missjonijiet taċ-Ċina, u l-Ġappun. Huwa bena l-Knisja ta' Sant Marija ta' L-Anġli għall-Franġiskani u għen lil San Filippu Neri fit-twaqqif ta' l-Oratorju tiegħu.B'qawwa kbira ħabrek biex iseħħ it-tiġdid tal-Knisja li beda fil-Konċilju ta' Trentu. Imma l-aktar ħaġa li għaliha baqa' jissemma hu l-qawwa tiegħu fil-Gwerra ta' Lepanto.

**Benefattur ta' Malta**

Dan il-Papa hu benefattur kbir ta' Malta u aħna l-Maltin għandna nqisuh bħala missier li ħaseb fina. Kien bis-saħħa tiegħu li l-Kavalieri ta' San Ġwann ma telqux minn Malta wara l-assedju ta' l-1565, kien hu li tahom għajnuna kbira fil-bini tal-belt Valletta u ħatar l-ewwel parroċċa tal-Belt il-ġdida kollha – dik ta' Sidtna Marija tal-Portu Salvu u San Duminku. Wara t-telfa li ġarrbu t-Torok fl-assedju ta' Malta, huma kienu reġgħu bdew jarmaw biex jerġu jattakkaw l-Ewropa u kien hawn li l-Papa ordna kurċjata fost in-nazzjonijiet insara u waqqaf mexxej li kien aċċetabbli minn kulħadd. Hu ordna li jibdew isiru l-Kwaranturi (erbgħin siegħa ta' talb quddiem Ġesu' Sagramentat), u ħeġġeġ lil kulħadd biex jingħad **ir-Ružarju.** Meta l-flotta ta' l-insara baħħret biex tiltaqa' ma' l-għadu l-baħrin irċevew is-sagrament u kollha kienu qed jgħidu **ir-Ružarju.** Il-flotta kienet ċkejkna, u numerikament ma setgħetx tħabbatha mal-flotta Torka. Iż-żewġ flotot iltaqgħu fil-bajja ta' Lepanto (il-Greċja) nhar il-Ħadd fil-għodu fis-**7 ta' Ottubru 1571.** Wara ġurnata ta' ġlied qalil, l-insara, taħt it-tmexxija ta' Don Ġwann ta' l-Awstrija irnexxielhom jegħlbu l-flotta Torka. Il-bqija tax-xwieni Torok li kien baqa' telqu lura telliefa darba għal dejjem, għax minn dak in-nhar it-Torok tilfu ħafna mis-saħħa li kellhom.

**Għajnuna ta' l-Insara**

Qabel ma l-flotta rebbieħa rritornat lejn Ruma, il-Papa Piju V kien jaf bil-vittorja mirakulożament. Hu amar li jsir żmien ta' ta' talb u ringrazzjament; ordna biex l-insara jdaħħlu fil-litanija tal-Madonna l-kliem *'Marija Għajnuna ta' L-Insara'* u waqqaf is-7 ta' Ottubru bħala festa u tifkira għażiża ta' din ir-rebħa. Il-Papa Piju V miet fl-Għid ta' 1572.

***Referenzi*** : Dumnikani Magħrufa ta' Patri Luqa Azzopardi O.P. Veritas Press